

# L-A.R.P. u l-Qagħda tal-Melliħin fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija Marzu 1942

**Jimmy Muscat**

## Il-Kumitat tal-A.R.P.

Sa mill-1934, hawn Malta kienet bdiet tinħass il-ħtieġa li jinħolqu kumitati li jieħdu ħsieb id-difiża tal-persuni, kbar u żgħar, f'każ ta' gwerra, speċjalment kontra attakki mill-ajru. L-għan ewlieni tagħhom, magħrufin dak iż-żmien bħala A.R.P., jew *Air Raid Precaution*, kien li joħolqu difiża kontra l-blast tal-isplużjonijiet, bombi tal-ħruq, jew *incendiary bombs*, bħal dik li qegħdin naraw hawnhekk, u gass mitfugħ mill-ajru fost affarijiet oħra li kienu jolqtu s-saħħa tal-poplu.



L-ewwel laqgħa tal-Kumitat Prinċipali tal-A.R.P. saret f'Kastilja, il-Belt, fl-20 ta' Diċembru 1934, it-tieni fit-8 ta' Jannar 1935 u t-tielet fit-12 ta' Jannar 1935,[1] u baqgħu jinżammu regolarment, iżjed u iżjed matul il-gwerra kollha. Il-Mellieħa wkoll kienet rappreżentata f'dan il-kumitat permezz ta' erba' membri mill-Kumitat tal-Mellieħa stess u fost diversi rċevuti nsibu waħda magħmula fit-18 ta' Awwissu 1939 għas-somma ta' 2 xelini u 8 soldi bħala spejjeż ta' vjaġġar tal-membri ta' dan il-kumitat mill-Mellieħa sal-Belt u lura għal żewġ laqgħat li saru fl-14 ta' Lulju u fil-11 ta' Awwissu 1939.[2]



Waħda mill-affarijiet li ħa f'idejh dan il-kumitat kien is-sinjal li kellu jingħata qabel u wara kull attakk mill-ajru u l-Mellieħa kienet waħda minn 14-il ċentru minn fejn kien jingħata dan l-allarm.[3] Kull ċentru kien armat b'6 kanen u 60 murtal, jew *maroons*. L-ewwel kienu jiġu sparati 3 murtali minn Kastilja fil-Belt Valletta u mbagħad is-sinjal jitkompla tul l-14-il ċentru mferrxin madwar Malta kollha. Dak li jispara l-murtali kellu ħlas ta' 2 xelini u sikspenz, jiġifieri tmintax irbiegħi, kuljum.[4]

Fl-20 ta' Ottubru 1939 saret prova ta' dan kollu u fil-11 ta' filgħodu ndaqqet is-sirena f'Kastilja u mbagħad tkompla madwar bliet u rħula oħra ta' Malta permezz ta' sireni, murtali u daqq ta' qniepen. Għal dak li huwa ħoss jidher li l-aħjar li marru kienu l-murtali, għalkemm kien hemm rapporti li mhux kullimkien instemgħu dawn is-sinjali u ħafna nies lanqas biss indunaw li kien daqq *Air Raid*. Xħin għadda l-*Air Raid* ingħata l-*All Clear* mill-Pulizija permezz ta' sfafar. Ta' min isemmi hawn, li fil-Mellieħa s-sinjal tal-*Air Raid* ingħata fil-11.02, jiġifieri żewġ minuti biss wara dak tal-Belt Valletta waqt li l-*All Clear* ingħata 11-il minuta wara tal-Belt. Jidher ukoll li fil-Mellieħa ma ġew rappurtati l-ebda nuqqasijiet waqt dan it-taħriġ.[5]

Waqt dawn il-provi n-nies kellhom ifittxu kenn ġewwa, għalkemm ħafna għelbithom il-kurżità u baqgħu fil-bibien, fit-twieqi u saħansitra telgħu fuq il-bjut. Ħafna minn tal-ħwienet ma għattewx il-vetrini tagħhom kif suppost għamlu, iżda l-karozzi tal-linja waqfu u niżżlu l-passiġġieri kif kien ippjanat. Meta semgħu s-sinjal ta' ħbit mill-ajru, ħafna nies bdew jiġru flok waqfu u ħafna ġenituri marru fl-iskejjel biex jaraw it-tfal kinux f'xi periklu. Aktar tard, wara din il-prova, saru diversi taħdidiet fuq ir-Rediffusion biex jgħallmu lin-nies dwar dawn in-nuqqasijiet.

Wara xi żmien inħasset ukoll il-ħtieġa li, f'każ li jintafa' l-gass likwidu, jew *Mustard Gas*, mill-ajru, jingħata sinjal differenti ħalli kulħadd jilbes il-maskla tal-gass li kienet tinġarr minn kull persuna, kbira jew żgħira. Is-sinjal għal dan il-għan kellu jingħata permezz ta' ċuqlajta u fil-Mellieħa nsibu li kien hawn sitta minn dawn iċ-ċuqlajti.[6] Waqt l-*Air Raid* kien hemm nies apposta msejħa *Air Raid Wardens* li xogħolhom kien li jaraw li kulħadd jobdi r-regolamenti u fil-Mellieħa nsibu li kien hawn mara waħda u 27 raġel





għal dan il-għan. Dawn is-sinjali dwar l-*Air Raids* kienu jinbidlu kultant, dejjem biex il-poplu jkun mgħarraf aħjar.

## Marzu 1942

Il-kumitat tal-A.R.P. tal-Mellieħa kien sikwit jiltaqa' u meta wieħed jifli ftit il-minuti tal-laqgħa li saret nhar is-Sibt 7 ta' Marzu 1942 u li kienet it-22 waħda, nistgħu ngħidu li wieħed jista' jieħu stampa verament ċara ta' dak kollu li kien qed jiġri fir-raħal tagħna fl-agħar xhur tal-gwerra. Din il-laqgħa kienet preseduta mill-viċi-*chairman*, id-D.M.O. jew *District Medical Officer*, it-Tabib Caruana tal-Mellieħa, waqt li s-segretarju kien is-Sur Joseph Wettinger. Wara li nqraw u ġew approvati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel, id-diskussjoni għaddiet għall-ewwel suġġett fuq l-aġenda, ir-razzjon tal-ħobż.



Bearer is authorised to purchase one (1) pair of LADIES' STOCKINGS.

PROTECTION OFFICE

F. AGIUS,
D/F. C. C. O.

The permit is valid for a period of one month from date of issue.

1 8 APR 1944

Dwar dan ir-razzjon tal-ħobż issemma li l-*Protection Officer* kien ġie ordnat biex ma jagħtix iktar minn nofs artal ħobż lil kull persuna 'l fuq minn tliet snin. Hawn ġie osservat li l-Maltin jieklu ħafna iktar ħobż minn hekk kuljum, speċjalment meta tqis li ħafna mill-Melliħin kienu ħaddiema manwali u allura jħaddmu l-ikel li jieklu. Barra minn hekk ġie nnotat ukoll li t-tfal bejn is-sentejn u t-tliet snin kienu wkoll jieklu madwar nofs artal ħobż kuljum. Jidher ukoll li, f'avviż li kien ħareġ il-Gvern fl-4 ta' Marzu stess, ma kienx issemma' li se jsir razzjon ta' ħobż, imma kien intqal biss biex ħadd ma jixtri iktar milli kellu bżonn. Allura nħass li kien hemm ċerta kontradizzjoni bejn dak li qal il-Gvern u dak li ġie ordnat lill-Uffiċjal tat-Tqassim tal-Ikel, jew F.D.O.[7]

Hawnhekk saret osservazzjoni oħra dwar dan is-suġġett. Intqal li ħafna min-nuqqas ta' ħobż fil-Mellieħa kien ġej min-nuqqas ta' njam għall-fran. Qabel il-gwerra, fis-sajf, ħafna nisa Melliħin kienu jmorru fix-xagħri ta' madwar ir-raħal jiġbru x-xewk li kien jintuża biex jinħema l-ħobż, iżda minħabba ż-żieda fl-attakki mill-ajru għall-għarrieda tal-għadu dawn bdew jibżgħu u ma baqgħux imorru. Ta' min ifakkar hawn li l-qawwa tal-ajru Ġermaniża kienet ġiet mibgħuta fi Sqallija u ngħaqdet ma' dik Taljana u għaldaqstant żdiedu ħafna l-attakki fuq Malta. Biex ipatti għal dan ġie ssuġġerit li jintalab permess biex jiġi wżat injam meħud minn djar imwaqqgħin, imsejjaħ *blitzed wood*.[8]

Fil-Mellieħa kien inħass ukoll in-nuqqas ta' galletti, speċjalment f'dawk l-aħħar xahrejn. Dan kien ġara għax dak ir-raġel minn Ħal Qormi li kien jiġi jbigħ il-galletti kien miet waqt attakk mill-għadu u ma ġie ħadd minn floku. Ġie nnotat ukoll li dawn il-galletti kienu jtaffu l-ġuħ u allura jnaqqsu l-bżonn għal aktar ħobż kważi b'terz, speċjalment fost it-tfal li kienu jieklu dawn il-galletti sal-inqas naqra.[9] Tajjeb infakkru wkoll lill-qarrejja tagħna li t-tfal kien ikollhom biss jew ħobż jew galletti x'jieklu u ma kinux jeżistu l-ebda pakketti ta' ċereali u affarijiet oħra li aħna mdorrijin bihom illum. Għaldaqstant il-kumitat kien tal-fehma li tinkiteb ittra lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni dwar dan ħalli jinsab rimedju u hekk jitnaqqas il-bżonn għall-ħobż.

Wara l-ħobż, qamet diskussjoni oħra importanti dwar oġġett ieħor li jolqot mill-qrib l-għajxien tal-poplu, Dan kien il-ħalib tal-bott u hawn it-Tabib Caruana qal li n-nuqqas ta' din il-komodità kien qiegħed jagħmel ħafna ħsara lis-saħħa tal-poplu Melliħi. Il-ħalib tal-mogħża ma kienx qiegħed ilaħħaq mad-domanda bħas-soltu minħabba li l-għalf għall-annimali kien naqas ħafna u wkoll minħabba li diversi mogħoż kienu qed jinbigħu 10 Liri l-waħda lir-raħħala li kienu qed jissupplixxu l-ħalib lid-Dipartiment tal-Ħalib tal-Gvern. Issemma' wkoll li l-vann ta' dan l-istess Dipartiment tal-Ħalib qatt ma kien deher ibiegħ il-ħalib fil-Mellieħa kif suppost li kellu jagħmel u kif kien ġie mwiegħed ħafna drabi. Allura l-Melliħin kellhom jitqannew biss bil-ħalib tal-bott li, biex tgħaxxaqha, kien qed jiġi razzjonat bil-qies



għat-trabi ta' taħt is-sena biss. Hawnhekk issemma' wkoll li sa ftit ġimgħat qabel, waqt li f'ċertu nħawi dan il-ħalib kien jista' jinxtara bit-tużżani, fil-Mellieħa ftit kienu l-ħwienet tal-merċa li setgħu jagħtu mqar bott wieħed lil kull familja. Dan ukoll kellu jinġieb għall-attenzjoni tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni.[10]

Reġgħet imbagħad tqajmet il-kwistjoni ta' meta u kif jingħata s-sinjal ta' ħbit mill-ajru. Issemma' li dik il-ħabta fil-Mellieħa kien hemm tliet sireni u waħda minnhom kienet f'idejn il-Militar, eżattament f'idejn il-K.O.M.R. jew *Kings Own Malta Regiment*. Intqal li din tal-aħħar mhux talli ma kinitx ta' min jorbot fuqha, iżda talli kienet qed toħloq konfużjoni fil-veru sens tal-kelma. Il-biċċa l-kbira kienet qed tindaqq xi għaxar minuti wara t-tnejn l-oħra bil-konsegwenza li xi drabi kienet tkun qed iddoqq tmiem l-attakk meta l-oħrajn kienu jkunu qed iħabbru ħbit ieħor ġdid. Għaldaqstant il-Kumitat kien tal-fehma li din is-sirena aħjar ma tindaqq xejn sakemm jinstab xi ħadd responsabbli li jdoqqha f'ħinha.[11]



Membru ieħor imbagħad informa lill-Kumitat li l-mara tad-dar kienet qed issib nuqqas serju ta' melħ. Kien ġie infurmat ukoll li meta jasal xi ftit melħ kull familja kien imissha daqs ta' kejla biss. Fil-Mellieħa kien jintuża ġmielu l-melħ mhux biss mal-ikel iżda wkoll fil-manifattura tal-ħobż li ħafna familji kienu jagħmlu fid-djar tagħhom kif ukoll biex isiru l-ġbejniet mill-ħalib tan-nagħaġ. Din ukoll kellha tiġi mressqa quddiem l-Uffiċjal tal-Protezzjoni.[12]

Jidher li l-laqgħa, li normalment kienet tibda għall-ħabta tal-5.00 ta' filgħaxija spiċċat fis-6.30 wara li ġew approvati l-minuti tal-laqgħat ta' qabel u s-segretarju s-Sur Joseph Wettinger għamilha ċara li l-proposti mressqa kienu se jintbagħtu minnufih lit-Tenent Gvernatur ħalli ma jinħelix ħin biex jitranġaw l-affarijiet imsemmija.

Iżda milli jidher ma tantx ingħatat priorità lil dawn il-minuti tat-22 laqgħa tal-Kumitat tal-ARP tal-Mellieħa għax skont it-timbru li jidher fuqhom dawn waslu fl-Uffiċċju tat-Tenent Gvernatur fil-Belt Valletta fl-14 ta' April 1942, jiġifieri xahar u ġimgħa wara li saret il-laqgħa. Veru li dik il-ħabta kienu żdiedu ħafna l-attakki mill-ajru tal-għadu, l-aktar madwar il-Port il-Kbir, l-ajruport u fuq il-Belt Valletta, u żgur ukoll li l-Gvernatur u l-militar Ingliż kienu aktar moħħhom fid-difiża ta' Malta milli fl-ittri tal-Kumitati tal-ARP.

Ix-xahar t'April 1942 baqa' magħruf bħala l-iktar xahar qalil mill-gwerra kollha. L-Ingliżi kienu sejħulu 'The cruellest month of the War' u allura għandna għax naħsbu li s-sitwazzjoni f'Malta u fil-Mellieħa, għal dak li għandu x'jaqsam ma' dak li ssemma' fil-laqgħa tal-Kumitat tal-A.R.P., ma setgħetx tjiebet, iżda marret għall-agħar. Dik il-ħabta fil-Mellieħa l-popolazzjoni kienet madwar 5000 ruħ, li minnhom 1200 kienu refuġjati.[13]

Iżda peress li ħafna mill-Melliħin kienu bdiewa, dejjem kellhom dawk il-prodotti tar-raba' biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' affarijiet oħra u allura dejjem raw kif għamlu u kampaw. Magħhom kienu jgħixu wkoll dawk ir-refuġjati li semmejt. Batew ħafna nuqqasijiet iżda min ikun imdorri fil-għaks, fil-ħidma u fit-tbatija malajr jaddatta ruħu għaċ-ċirkostanzi li jsib ruħu fihom. Żgur ukoll li l-iktar ħaġa li għenet lill-Melliħin ta' dak iż-żmien kienet l-għaqda li kien hemm bejn il-familji li kienu jgħinu lil xulxin u jagħtu lil xulxin minn dak li kien ikollhom. Kienu jaqsmu ma' xulxin bħall-aħwa, u dan l-atteġġjament baqa' jinħass sewwa wkoll għal diversi snin wara l-gwerra. Donnu l-firda ta' bejn in-nazzjonijiet tad-dinja kienet saħħet l-għaqda tal-poplu tagħna.

In-nanna Mari, bħal ħafna familji Melliħin oħra, kienet tat kamra lill-familja refuġjata ta' ċerta Lela minn Bormla li kellha xi erbat itfal. Xejn lussu, kollox ġo kamra waħda. Ma kinitx tħallihom neqsin milli kellha. Damu qatigħ wara l-gwerra jiġu jarawha lin-nanna u dan kien kollu xhieda tal-għaqda tremenda li kien hawn fost il-Maltin iffaċċjati minn qawwa daqstant kbira tal-għadu. Fil-Mellieħa konna xortina tajba li ma sarux attakki kbar mill-ajru diretti fuq ir-raħal, għajr għal xi ftit bombi li twaddbu bl-addoċċ, u allura ma kienx hawn dawk id-djar imġarrfa jew imwiet ta' nies mirduma. Min-naħa l-oħra, biża' ta' xi invażjoni mill-għadu fl-Għadira, li f'xi mumenti tal-gwerra kienet fuq fomm kulħadd, kien hawn ħafna. Kien hawn ukoll, kif rajna ftit mill-minuti ta' dik il-laqgħa tal-A.R.P., ħafna nuqqasijiet li, forsi bi ftit rieda tajba minn min kien jikkmanda, setgħu ġew irranġati biex titnaqqas it-tbatija li għadda minnha l-ġens Mellieħi matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

**Referenzi**

1 ANM. ARP. B.1.(1).
2 Ibid
3 Ibid.
4 ANM. ARP.14. (14).
5 ANM. ARP.B1.(1).; ARPO Report pp1-3.
6 ANM. ARP.14 (14) 96/40.
7 ANM. LGO. 1941/4343. f.32.
8 Ibid. f.34.
9 Ibid. f.33.
10 Ibid.
11 Ibid. f.34.
12 Ibid. f.35.
13 ANM. A.R.P. 15. P.O. St. Paul's Bay.

Ħajr speċjali lis-**Sur Winston L. Zammit** tal-għajnuna tiegħu.